MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2004

Numru. 25/2001
Kawza Numru. 12

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs –**

**JOSEPH SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SULTANA** iben l-mejjet Joseph u Francesca nee Gatt, residenti 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` numru 86547G gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, qabel t-tletin ta' Novembru 1990 u d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 1997, bhala proprjetarju tal-fond 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, u bhala l-persuna lli fuqu huwa registrat l-meter

tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu l-uzu jew l-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew jbiddel l-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq jammonta ghal mitejn w erbatax il-lira u sebgha w tmenin centezmu, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara tasmmonta ghal sitt liri maltin.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2004 kif jirrizulta a fol 105 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat odjern.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti datat wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2004.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti b'mod partikolari l-process verbal redatt mill-Magistrat Paul Coppini.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sittax ta' Novembru 2001 **xehed PS 369 Joseph Mizzi** fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Marzu 1997 ghall-habta tas-saghtejn huwa kien gie nfurmat minn membru tal-Korporazzjoni Enemalta li fil-fond 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, kienu sabu meter imtaqqab. Huwa ghalhekk flimkien mal-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta accedew fil-fond indikat lilu u sab meter li kien ghadu qed jirregistra l-konsum tal-elettriku u fil-fatt kellu 42691 units registrati. Dan kien ghadu qed

jahdem, kellu toqba fil-gemb tan-naha tal-lemin inti w thares lejh irqieqa bejn wiehed w iehor daqs ta' millimetru. Mistoqsi jekk kellimx lil imputat, ix-xhud wiegeb li m'gharafx lil imputat bhala l-persuna li kienet presenti waqt l-ispezzjoni u li qallu li bit-toqba ma kienx jaf u li lanqas plug tal-elettriku ma kien jaf jbiddel. L-Ufficjal tal-Pulizija zied jghid li l-meter in kwistjoni kien registrat f'isem missier l-imputat li kien miet fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1992 [vide fol 90], ghalkemm l-imputat kien ghadu qed joqghod fl-istess dar. Iddikjara wkoll li omm l-imputat Francesca Sultana kienet ghadha hajja fis-sena 1997.

**Silvio Decelis** rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta **xehed** nhar l-hdax ta' Novembru 2001 u esibixxa breakdown u rapport tal-ispezzjoni tal-meter in kwistjoni. Skond kalkolu maghmul minn dan ix-xhud, il-Korporazzjoni Enemalta qed tippretendi hlas ta' mitejn w erbatax il-lira u sebgha w tmenin centezmu, rappresentanti l-ammont ta'flus mhux imhallsa ghal uzu illecitu tal-kurrent elettriku li sar minn dan il-meter.

**Mark Formosa**, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta **xehed** nhar t-tlieta ta' Mejju 2002 fejn qal li l-meter kien registrat f'isem Joseph Sultana fis-sena 1984 pero fis-sena 1996, sar update fil-computer system u tpoggew in-numri tal-karti tal-identita u l-probabbilita hi li l-Korporazzjoni Enemalta rat il-votant fuq il-fond registrat maghha, hadet n-numru tal-karta tal-identita tal-imputat li ghandu l-istess isem ta' missieru w indikatu bhala r-registered consumer. Ikkonferma pero li meta sar dan missier l-imputat Joseph Sultana, kien mejjet w in oltre firma wahda tal-imputat fil-file ma hemmx.

**L-imputat xehed** nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2003 fejn spjiega li l-fond numru 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, fejn kien installat l-meter in kwistjoni kien ta' missieru u cioe Joseph Sultana li kien miet fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1992. Mistoqsi min kien applika ghal istallazzjoni tal-meter, l-imputat jghid li missieru ghaliex qabel kienu jghixu lkoll bhala fmailja r-Rabat. L-imputat ikkonferma pero li x-Xaghra ghex ghal aktar minn tlieta w erbghin sena u minn dejjem kellu s-servizz tad-dawl u

ilma u ghalhekk ma setghax ikun dak li qal Mark Formosa r-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li s-servizz gie stallat fil-fond fis-sens 1984 u dan ghaliex kellu dak is-servizz minn hafna qabel. Ikkonferma wkoll li l-genituri tieghu hallew il-post in kwisjtoni lil ohtu Maria Ciliberti u fil-fatt qeghdin il-Qorti fuq il-wirt. Huwa cahad li qatt mess l-meter jew li kien jaf b'xi tbaghbis fl-elettriku.

Illi mir-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti William Cassar Torreggiani jirrizulta wkoll li l-fond in kwistjoni kellu l-meter registrat fuq il-mejjet Joseph Sultana pero fil-fond kienu joqghodu l-imputat bil-familja tieghu u mart il-mejjet Joseph Sultana jigifieri omm l-imputat. Illi l-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta marru biex jbiddlu l-meter bhala rutina u mhux fuq xi suspett ta' xi rregolarita. Illi mal-gemb tal-meter mal-hajt kien hemm kallu li jindika li t-tbaghbis fil-meter kien isir regolari billi jiddeffes xi oggett irqieq u ppuntat biex jwaqqaf d-diska milli ddur u jirregistra l-konsum. Id-diska kellha brix u l-meter kellu hsara fl-ammont ta' sitt liri maltin. A tempo vergine tal-investigazzjoni wkoll l-imputat kien qallu li huwa ma jifhem xejn fl-elettriku u li ma kien jaf xejn dwar t-toqba fil-meter li sabu l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta.

**Xehdu wkoll r-rappresentanti tal-Korporazzjoni Enemalta** li sabu l-meter u cioe **Carmel Attard u Joseph Vella** li spjiegaw l-kundizzjoni ta' kif instab dan il-meter.
Illi d-Difiza issottomettiet principalment li l-imptuat mhux r-registered consumer u ghalhekk ma jistax jinstab hati ta'dan r-reat waqt li l-Prosekuzzjoni irremettiet ruhha ghal atti processwali.

Illi l-ligi ma tghidx li huwa responsabbli ghal meter biss ir-registered consumer <u>izda</u> "d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejh l-fond."

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha tiddefinixxi u tikkjarifika dak li jiddisponi l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz

elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova, li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Proprjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti. [vide **Il-Pulizija v Michael Attard *deciza nhar t-tnax ta' Frar 1993,* Il-Pulizija v Anthony *Lanzon deciza nhar t-tnejn ta' Settembru 1998 it-tnejn mill-Qorti tal-Appell Kriminali***.]
Fil-fatt, il-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 1976*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Schembri**, ssottolineat li "*r-responsabbilita kriminali f'dawn il-kazijiet taqa f'idejn d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinstabu l-mezzi qarrieqa li juru sinjali ta' tbaghbis li jkun jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, sakemm ma jigix ippruvat l-kuntrarju.*"

Illi l-Qorti ghalhekk tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova kemm min hu d-detentur jew l-persuna responsabbli ghal

fond, kif wkoll trid tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa u li l-persuna idoneja imputata tkun taf bl'uzu llecitu taghhom.

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol u tghid xejn dwar l-uzu illecitu jew le tal-meter in desamina ghaliex mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat kien d-detentur tal-fond fiz-zmien imsemmi fil-komparixxi jew li kien il-persuna responsabbli ghal meter.

**Ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova rikjesta sine qua non, il-Qorti tiddikjara wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 264, 326 (a)(c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH SULTANA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghha stante li lliberat lil imputat minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------